MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 433/2002/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 t'April 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' Settembru 1984.

Illi mill-imsemmi zwieg kellhom tifel Shawn ta' tnax-il sena (12);

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u bejn il-kontendenti hemm inkompatibbilta' ta' karattru.

Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 15 ta' Novembru 2001 (Dok "A").

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal tortijiet u htija unikament imputabbli ghall-konvenuta;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel Shawn f'idejn l-attur fit-termini ta' dak li jiddisponi l-**artikolu 56 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur ghat-tifel minuri msemmi manteniment skond il-mezzi taghha u l-bzonnijiet tal-minuri fil-modalita' u kundizzjonijiet li jidhrilha opportuni din il-Qorti fit-termini ta' l-**artikolu 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *in toto* jew *in parte*;

5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti fit-termini ta' l-**artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, taqsamha f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali, u dan sabiex *ope sentential* porzjoni tigi assenjata lill-attur u porzjoni ohra lill-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawn maghmula fil-proceduri tas-Sekond' Awla u bil-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 t'Ottubru 2002 fejn Dr. Malcolm Mifsud ghall-attur ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-

smiegh tal-kawza, u gie awtorizzat sabiex jinnotifika lill-kontro-parti wara l-hinijiet legali; u tas-7 ta’ Jannar 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-21 ta’ Jannar 2003 fejn talab li jkun jista’ jinnotifika lill-konvenuta permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 23 ta’ Jannar 2003 fejn laqghat it-talba u ordnat in-notifika *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12**.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti filwaqt li kkonfermat id-digriet dwar in-notifika bil-pubblikazzjoni, ordnat ukoll li tali notifika ssir ukoll f’gazzetta lokali wahda. L-attur gie awtorizzat jipprezenta l-affidavits kollha tieghu fil-mori tad-differiment.

Rat in-nota ta’ l-attur tat-18 ta’ Frar 2003 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-konvenuta tas-6 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha rriservat il-kontro-ezami ta’ l-attur ghax-xhieda li ta fl-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 26 ta’ Marzu 2003 fejn ipprezenta estratt mill-gazzetta *“The Malta Independent”* fejn jidher l-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Marzu 2003 fejn Dr. Sandra Sladden ghall-konvenuta tat ruhha b’notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh. Inghata digriet nota guramentata u digriet affidavit attrici b’terminu ta’ 50 gurnata.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-11 a fol. 34 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi z-zwieg tkisser b’tortijiet imputabbli unikament lill-attur u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u s-smiegh tal-kontro-talba li qieghda tigi pprezentata kontestwalment.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 34 u 35 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** datata 11 ta' April 2003 a fol. 36 *et sequitur* tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' Settembru 1983 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel Shawn li ghad ghandu erbatax-il sena;

Illi l-attur irrenda ruhu hati fil-konfront tal-konvenuta ta' adulterju, sevizzi, eccessi, theddid u ngurji gravi u talli b'ghemilu kisser iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti b'mod irrimedjabbli;

Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digrieti moghtija mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numru 1679/01 u 1680/01 hawn annessi bhala Dok "MM1" u "MM2" rispettivament;

Illi s-Sekond' Awla ordnat illi jsir rapport minn Social Worker dwar il-kura u kustodja tat-tifel Shawn, liema rapport sar mis-Social Worker Jane Azzopardi li kkonkludiet illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lill-konvenuta rikonvenzjonanta. Sussegwentement, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, fl-4 ta' Frar 2002 fl-atti tad-Digriet numru 1679/01, iddecidiet illi l-kura u kustodja ghandha tigi fdata lill-konvenuta rikonvenzjonanta.

Illi l-istess konvenuta rikonvenzjonanta talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet unici ta' l-attur rikonvenzjonat.

2. Taffida l-kura u kustodja tat-tifel minuri Shawn f'idejn il-konvenuta rikonvenzjonanta.

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanta retta alimentarja ghaliha u ghat-tifel minuri fuq imsemmi.

4. Tiffissa l-gurnata minn meta l-attur rikonvenzjonat ta lok ghas-separazzjoni.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika nterament jew *in parte* kontra l-attur rikonvenzjonat id-dispozizzjonijiet ta' l**-artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili**, *inter alia* d-dekadenza minn kull dritt ta' manteniment u drittijiet necessarji.

6. Taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tiddividiha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u *ope sententiem* tassenja porzjoni lill-parti u ohra lill-parti ohra u tordna l-pubblikazzjoni ta' l-atti ta' divizjoni min-Nutar pubbliku nominandi f'data, hin u lok li jigi ffissat ghal dan l-iskop.

7. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta l-attur rikonvenzjonat fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva.

8. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jirrestitwixxi lill-konvenuta l-beni parafernali u dotali u oggetti u flus appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti mehuda mill-istess attur rikonvenzjonat u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas il-valur stabbilit ta' l-istess oggetti u flus okkorrendo bin-nomina ta' periti.

Bl-ispejjez u bl-attur rikonvenzjonat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanta a fol. 37 sa 54 tal-process.

Rat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ta' Novembru 2001 moghti mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri u rat ir-rapport tas-social worker ta' l-Agenzija Appogg Jane Azzopardi datat l-1 ta' Frar 2002 u l-konkluzjonijiet relattivi a fol. 49 u 50 tal-process fejn

irrakkomandat li l-kura u l-kustodja tal-minuri Shawn tigi fdata f'idejn l-omm, fejn jirrizulta li l-attur irrunzja ghat-talba tieghu dwar l-istess, u l-minuri wera x-xewqa li jghix ma' ommu, b'dan pero' li jara lil missieru. Fil-fatt tat suggerimenti dwar l-istess access.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2003 fejn l-attur u d-difensur tieghu taw ruhhom b'notifikat bil-kontro-talba tal-konvenuta. Dr. Malcolm Mifsud iddikjara li hlief ghall-affidavit l-attur m'ghandux provi izjed. Inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' hamsin (50) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju u ordnatlu jzomm tliet seduti ghall-provi kollha tal-partijiet li ma jkunux producibbli bil-procedura ta' l-affidavit.

Rat in-nota ta' l-attur datata 28 t'Awissu 2003 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tal-genituri tieghu Pauline u Michael Mamo, u dak ta' huh Simon Mamo.

Rat is-seduti tal-21 ta' Ottubru 2003 u 17 ta' Novembru 2003 quddiem l-Assistent Gudizjarju Kenneth Gulia li fihom ma sar xejn; tal-21 ta' Ottubru 2003, tas-17 u 26 ta' Novembru 2003 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tas-26 ta' Novembru 2003 fejn xehed Dr. Ryan Giordmaina li ndika x'hemm fil-*file* tal-konvenuta f'Isptar San Luqa; tat-30 ta' Marzu 2004 fejn xehdu Joe Barbieri ghan-nom tas-socjeta' Central Cigarettes Company Limited u Paul Gambina ghan-nom tal-Bank of Valletta plc u Audrey Ghigo ghan-nom tas-socjeta' HSBC plc; tat-12 ta' Mejju 2004 u 15 ta' Gunju 2004 fejn xehed Sammy Nicholl ghan-nom tas-socjeta' APS Bank Limited, rapprezentanti ohra tal-Banek u l-konvenuta; u ta' l-24 ta' Settembru 2004 fejn xehdet il-konvenuta in kontro-ezami.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 12 ta' Novembru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess u ta' missierha Carmelo Muscat.

Rat in-nota ta' l-attur tas-17 ta' Novembru 2003 li biha pprezenta n-nota guramentata tieghu bhala Dok. "JD1" esebita a fol. 110 tal-process.

Rat in-noti tal-konvenuta, wahda datata 2 ta' Dicembru 2003 li biha esebiet kopja legali tar-rapport tas-*social worker* Jane Azzopardi mqabbda mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll ittra li l-attur kien halla meta telaq mid-dar matrimonjali, u l-ohra tal-4 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' ohtha Rose Azzopardi, u ta' Joseph Azzopardi.

Rat il-verbali tal-11 ta' Dicembru 2003 fejn l-Assistent Gudizzjarju gie ordnat izomm l-ahhar zewg seduti sabiex jinghalqu l-provi tal-partijiet; tat-22 t'April 2004; tat-22 ta' Gunju 2004; tas-6 t'Ottubru 2004; u tat-13 ta' Jannar 2005 fejn fuq talba ta' Dr. Sandra Sladden ghall-konvenuta l-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 t'April 2005.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur datata 16 ta' Frar 2005.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta datata 4 ta' Marzu 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li l-istess attur kien responsabbli ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet u dan peress li kien hati verso martu ta' sevizzi, eccessi, inkluzi swat domestiku serju u fiziku, u li anke kkawza danni serji lill-konvenuta, kif jirrizulta sew mix-xhieda taghha, u wkoll peress li huwa ngurja gravament lill-istess konvenuta. Fl-

ahharnnett, izda mhux l-inqas, talli kkometta adulterju fil-konfront ta' martu. Dan sar kemm meta l-istess attur kien ghadu qed jghix id-dar mal-konvenuta, kif ukoll wara li telaq mill-istess dar minhabba relazzjoni adultera ohra li huwa kellhu, tant li llum-il gurnata qed jghix apertament ma' mara ohra, mill-liema relazzjoni ghandu wkoll tarbija.

Illi f'dawn ic-cirkostannzi kollha din il-Qorti tara li hija gravi l-allegazzjoni ta' l-attur li l-firda personali ta' bejn il-kontendenti sehhet minhabba l-agir tal-konvenuta. Il-fatt li meta wiehed ihares lejn l-affidavit tieghu, mqabbel ukoll ma' dak li b'mod mill-aktar disinvolt ammetta fix-xhieda tieghu, iwassal sabiex din il-Qorti tikkonsidra l-agir ta' l-attur taht dan l-aspett li jammonta fih innifsu ghal ingurja gravi *da parte* ta' l-istess attur.

Illi fil-fatt huwa sinifikanti li fil-kontro-ezami tieghu jammetti li diversi drabi, u almenu mhux anqas minn tliet darbiet kien hati ta' adulterju lejn martu. Dan apparti diversi hbiberiji ma' nisa li jirrizulta li kellu. Fi kliem iehor jidher li l-attur assolutament ma kellu l-ebda skruplu sabiex ifittex dak li kien ta' pjacir ghalih, ghaliex mhux biss kien jaghmel dan, (bhalma kien ukoll jipprattika l-isport favorit tieghu b'certu liberta' minn martu) izda spiss kien imur *oltre*, u f'dan il-kaz jikser ghal kollox id-dmir ta' fedelta' li ragel ghandu jkollu lejn mara. Jidher li dan ma kienx bizzejjed ghaliex f'kaz ta' konflitt martu hallset ghal dan serjament billi manifestament kienet vittma ta' vjolenza domestika – kif jidher ukoll mill-fatt li kemm-il darba kellha tirrikorri l-isptar ghall-kura – ghalkemm mhux dejjem setghet tghid il-kawza ta' dak li kienet qed isofri. Fl-ahharnett jirrizulta wkoll li minhabba dawn ir-relazzjoni extra-maritali l-istess attur telaq u abbanduna d-dar konjugali fis-sena 2000.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri jidher mir-rapport li thejja mis-*social worker* Josephine Azzopardi li kienet originarjament inkarigata bil-kaz, li din ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenuta ommu. Jinghad li taht ic-cirkostanzi attwali l-attur lanqas ma nsista dwar l-istess kura u kustodja, ghax almenu fil-konfront ta' l-interess tal-minuri huwa qabel ma' dak propost. F'dan il-kuntest din il-Qorti

taghmel riferenza ghall-istess rapport datat l-1 ta' Frar 2002 fejn jinghad li l-istess "*A irrinunzja ghat-talba tieghu biex jiehu l-kura u l-kustodja tat-tifel Shawn.*"

Illi din il-Qorti qed tipprovdi access tal-missier ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u Hamis mis-6:00 p.m. sat-8:00 p.m. b'dan ukoll li qed thalli f'idejn il-minuri sabiex jiftiehem mal-missier jekk ghandux ikun hemm access ghalih fi tmiem il-gimgha wkoll. Dan ghaliex din il-Qorti thoss li l-minuri ghandu llum l-eta' bizzejjed sabiex jiddeciedi huwa stess iridx jara lil missieru, u ghalhekk ghandu jithalla fil-liberta' kollha specjalment mill-genituri tieghu, sabiex jara jew le jekk jridx isegwi dan l-access hawn propost. F'dan il-kuntest il-Qorti tippretendi li hadd ma ghandu johloq ostakalu ghal dan l-access ta' dan il-guvni ma' missieru jekk l-istess Shawn juri x-xewqa li dan isir.

Illi mill-banda l-ohra l-missier ghandu dritt li jkun informat bil-progress ta' ibnu fl-iskola u f'kull istituzzjoni edukattiva li l-istess minuri jattendi, kif ukoll fuq l-istat ta' sahha ta' ibnu. Il-konvenuta ghandha tara li l-istess missier ikun informat dwar l-istess, anke mill-awtoritajiet kompetenti.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tordna wkoll li l-genituri ghandhom jaraw li l-minuri jiehu l-kura kollha li ghandu bzonn, anke minhabba dak li ghadda minnu kawza tas-separazzjoni tal-genituri tieghu. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex tissuggerixxi lill-partijiet il-programmi, inkluz terapija li l-istess minuri binhom jista' jaghti kaz li ghandu bzonn isegwi, u dan a spejjez ta' l-attur. L-istess Agenzija ghandha ssegwi l-izvilupp u timmonitorja l-progress tal-minuri, u ghal dan l-iskop tordna lil kull parti sabiex tinnotifika kopja legali ta' din id-decizjoni lill-Agenzija Apogg, sabiex din taderixxi ruhha ma' l-istess skond il-ligi, kollox fl-interess tal-minuri.

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Joe Barbieri tas-socjeta' Central Cigarettes Company Limited li l-attur huwa mpjegat maghha bhala Quality Assurance Analist u ghandu ntrojtu li fis-sena 2003 kien ta' sitt elef u tliet mija u disa' liri Maltin (Lm6,309) *gross*, u fis-snin ta' qabel kien anke akbar. Fil-

fatt fis-sena 2001 sahansitra kien ta’ disat elef, erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm9,428) *gross.* Dan apparti li l-attur ghandu diversi beneficcji ohra, bhal *life insurance*, *insurance* ghal sitt snin paga, *disablement insurance* u *fringe benefits.*

Illi in vista ta’ dan din il-Qori thoss li l-attur ghandu jhallas bhala manteniment ghall-konvenuta l-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) kull erba’ gimghat, kif ukoll manteniment ta’ mitt lira Maltin (Lm100) kull erba’ gimghat ghal ibnu l-minuri, minbarra li jhallas ghall-ispejjez edukattivi tal-minuri, kif ukoll ghal assigurazzjoni tas-sahha li ghandu l-istess minuri.

Illi jirrizulta li l-partijiet jippossedu in komun bejniethom il-fond numru 26, Flat 3, Marina Street, Pieta’ li kien mixtri minnhom permezz ta’ kuntratt pubbliku datat 23 ta’Jannar 1982 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela. L-attur jghid li huwa dispost li jhalli sehmu lil martu bil-kondizzjoni li d-dar wara tithalla lit-tifel. Dan johrog car min-nota ta’ l-attur datata 17 ta’ Novembru 2003.

Illi din il-Qorti thoss li l-istess fond numru 26, Flat 3, Marina Street, Pieta’ flimkien mal-mobbli kollha li bihom huwa armat, ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Dan qed isir ukoll sabiex jaghmel tajjeb ghall-kont bankarju mal-APS Bank Limited li gie zbankat mill-attur fl-ammont ta’ Lm3,000, liema ammont intuza mill-istess konvenut. Taht dan l-aspett il-verzjoni ta’ l-attur li dan l-ammont inghata lilu minn missieru, u huwa zbankah sabiex irrifonda lura l-istess somma ma hijiex qed tigi emmnuta u lanqas accettata. L-attur huwa tenut ukoll li jhallas il-kont tad-dawl fl-ammont ta’ hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm50.68) kif indikat fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta.

Illi ma gietx indikata l-ghamara izda l-attur jghid li din kollha nxtrat mill-konvenuta.

Illi l-istess attur ghandu ma’ l-istess Bank HSBC Bank plc kont kurrenti numru 3321622969 – illum numru 033 –

049180-001 li fit-22 ta’ Marzu 2004 kellu bilanc ta’ mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tliet centezmi (Lm127.03); kont iehor bin-numru 033 – 049180 – 050 li fl-istess data tat-22 ta’ Marzu 2004 kellu bilanc ta’ wiehed u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm51.70). Hemm ukoll *joint account* numru 033 – 058322 – 100 li l-bilanc fid-9 ta’ Gunju 2003 kien jammonta ghal tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350). Dawn ghandhom jinqasmu bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li l-kont bankarju fl-HSBC Bank plc. Numru 033058322 f’isem il-minuri Shawn ghandu jigi amminstrat minn ommu f’isem l-istess minuri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma’ dak hawn deciz, filwaqt li **tichad it-tieni, it-tielet u r-raba’ talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba biss fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur, li kien hati *verso* l-l-konvenuta ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, inkluz vjolenza domestika, theddid u ngurji gravi, b’dan li l-konvivenza bejn il-partijiet ma’ ghadhiex possibbi u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tichad din it-talba b’dan ghalhekk li l-kura u l-kustodja tat-tifel Shawn qed tigi fdata f’idejn ommu l-konvenuta b’dan li l-istess attur ghandu jkollu access ghall-minuri ibnu kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mis-6:00 p.m. sat-8:00 p.m. u thalli f’idejn il-minuri sabiex jiftiehem mal-missier jekk ghandux ikun hemm access ghalih fi tmiem il-gimgha wkoll. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti thoss li l-minuri ghandhu eta’ bizzejjed biex jiddiciedi huwa stess xi jrid, u ghalhekk ghandhu jithalla fil-liberta’ kollha specjalment mil-genituri tieghu, sabiex jara jekk jridx isegwi dan l-access hawn propost jew le – b’dan li hadd ma ghandu johloq ostakalu ghall-access ta’ dan il-guvni ma’ missieru jekk l-istess Shawn jaghzel li dan isir.

Illi l-istess missier ghandu dritt li jkun informat bil-progress ta’ ibnu fl-iskola u f’kull istituzzjoni edukattiva li dan jattendi, kif ukoll fuq l-istat ta’ sahhtu. Min-naha taghha, il-konvenuta ghandha tara li l-missier ikun informat dwar l-istess, anke mill-awtoritajiet kompetenti.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti tordna wkoll li l-genituri jaraw li l-minuri jiehu l-kura kollha li ghandu bzonn, anke minhabba dak li gja’ ghadda minnu kawza tas-separazzjoni tal-genituri tieghu. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex tissuggerixxi lill-partijiet il-programmi nkluz terapija li l-istess minuri jista’ jaghti kaz li ghandu bzonn isegwi, kollox a spejjez ta’ l-attur. In generali tinnomina lill-istess Agenzija ssegwi l-izvilupp u timmonitorja l-progress tal-minuri. Ghal dan l-iskop tordna lil kull parti sabiex tinnotifika kopja legali ta’ din id-decizjoni lill-Agenzija Apogg, sabiex din taderixxi ruhha ma’ l-istess skond il-ligi, kollox fl-interess ta’ l-imsemmi minuri.

3. Tichad din it-talba *stante* li huwa l-attur li ghandu jhallas bhala manteniment ghall-konvenuta l-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) kull erba’ gimghat, u mitt lira Maltin (Lm100) ohra kull erba’ gimghat ghal ibnu l-minuri. *Oltre* dan ghandu jhallas ghall-ispejjez edukattivi ta’ l-imsemmi minuri u ghal assigurazzjoni tas-sahha li l-minur gja’ ghandu. Din il-Qorti tordna li l-ammonti ta’ manrteniment hawn indikati ghandhom jinqatghu direttament mill-*employer* ta’ l-attur mill-paga tieghu u jintbaghtu direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha kull erba’ gimghat bil-quddiem b’effett mid-data ta’ din is-sentenza. Ghal dan l-iskop tordna li l-konvenuta tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lis-socjeta’ Central Cigarettes Company Limited li timpjega lill-attur sabiex l-istess socjeta’ taderixxi ruhha ma’ din l-ordni.

4. Tichad din it-talba *stante* li huwa l-attur li kien responsabbli ghal din il-firda u fil-fatt l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** qed jigi applikat *in toto* kontra tieghu.

5. Tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u ghar-ragunijiet fuq indikati din il-Qorti tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni bil-mod sewgenti, billi:-

Tassenja il-fond numru 26, Flat 3, Marina Street, Pieta' flimkien mal-mobbli kollha li bihom huwa armat lill-konvenuta u dan bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan qed isir ukoll sabiex jaghmel tajjeb ghall-kont bankarju mal-APS Bank Limited li gie zbankat mill-attur fl-ammont ta' tliet elef lira Maltin (Lm3,000), u liema ammont intuza mill-istess attur. L-attur huwa tenut u ordnat li jhallas lill-konvenura l-kont tad-dawl indikat fin-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuta fl-ammont ta' hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm50.68).

Illi l-kont kurrenti ma' HSBC Bank plc numru 3321622969 – illum numru 033 – 049180-001 li fit-22 ta' Marzu 2004 kellu bilanc ta' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tliet centezmi (Lm127.03) u l-kont l-iehor bin-numru 033 – 049180 – 050 li fl-istess data kellu bilanc ta' wiehed u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm51.70), kif ukoll il-*joint account* numru 033 –058322 – 100 li l-bilanc fid-9 ta' Gunju 2003 kien jammonta ghal tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) ghandhom jinqasmu bejn iz-zewg partijiet. Il-kont bankarju fl-HSBC Bank plc. Numru 033058322 f'isem il-minuri Shawn ghandu jigi amminstrat minn ommu f'isem l-istess minuri.

Mill-bqija kull parti ghandha zzomm l-effetti l-ohra kollha li attwalment jinsabu llum fil-pussess taghha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat ghall-istess kontro-talba in kwantu dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, filwaqt li **tichad is-seba' u t-tmien talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta fil-kontro-talba taghha, tilqa' t-talbiet l-ohra ta' l-istess konvenuta rikonvenzjonanta biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet unici ta’ l-attur rikonvenzjonat u dan *stante* li l-istess attur huwa hati *verso* l-konvenuta ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, inkluz vjolenza domestika, theddid u ngurji gravi, b’dan li l-konvivenza bejn il-partijiet ma’ ghadhiex possibbi u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tilqa’ din it-talba u taffida l-kura u kustodja tat-tifel minuri Shawn f’idejn il-konvenuta rikonvenzjonanta b’dan li l-istess attur rikonvenzjonat ghandu jkollu access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mis-6:00 p.m. sat-8:00 p.m. u thalli f’idejn il-minuri sabiex jiftiehem mal-missier jekk ghandux ikun hemm access ghalih fi tmiem il-gimgha wkoll. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti thoss li l-minuri ghandhu l-eta’ tieghu sabiex jiddiciedi dwar dan, u thoss li l-istess minuri ghandu jithalla fil-liberta’ kollha specjalment mill-genituri tieghu, sabiex jara jekk iridx isegwi l-access hawn propost jew le – b’dan li hadd ma ghandhu johloq ostakalu ghal dak li jiddeciedi li jrid jaghmel l-imsemmi minuri.

Illi l-istess missier ghandu dritt li jkun informat bil-progress ta’ ibnu fl-iskola u f’kull istituzzjoni edukattiva li dan minuri jattendi, kif ukoll fuq l-istat ta’ sahhtu. Il-konvenuta ghandha tara li l-missier ikun informat dwar l-istess, anke mill-awtoritajiet kompetenti.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti tordna wkoll li l-genituri ghandhom jaraw li l-minuri jiehu l-kura kollha li ghandu bzonn, anke minhabba dak li ghadda minnu kawza tas-separazzjoni taghhom, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex tissuggerixxi lill-partijiet il-programmi, inkluz terapija li l-imsemmi minuri jista’ jaghti kaz li ghandu bzonn isegwi, u dan a spejjez ta’ l-attur rikonvenzjonat, u in generali tinnomina lill-istess Agenzija ssegwi l-izvilupp u timmonitorja l-progress ta’ l-istess minuri. Ghal dan l-iskop tordna lil kull parti sabiex tinnotifika kopja legali ta’ din id-decizjoni lill-Agenzija

Apogg, sabiex din taderixxi ruhha ma' l-istess skond il-ligi, kollox fl-interess ta' l-imsemmi minuri.

3. Tilqa' din it-talba u tordna lill-attur li jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) kull erba' gimghat, kif ukoll manteniment ta' mitt lira Maltin (Lm100) kull erba' gimghat ghal ibnu l-minuri, minbarra li jhallas ghall-ispejjez edukattivi ta' l-istess minuri flimkien ma' dawk ta' l-assigurazzjoni tas-sahha li l-imsemmi minuri jidher li gja' ghandu. Din il-Qorti tordna li l-ammonti ta' manteniment hawn indikati ghandhom jinqatghu direttament mill-paga ta' l-attur mill-*employer* tieghu u jintbaghtu direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha kull erba' gimghat bil-quddiem b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Ghal dan l-iskop tordna li l-konvenuta tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lis-socjeta' Central Cigarettes Company Limited li timpjega lill-attur sabiex l-din is-socjeta' taderixxi ruhha ma' din l-ordni.

4. Tiffissa l-gurnata minn meta l-attur rikonvenzjonat ta lok ghas-separazzjoni bhala dik ta' l-ahhar ta' Dicembru 2000.

5. u 6. Tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u ghar-ragunijiet fuq indikati din il-Qorti tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod sewgenti, billi:-

Tassenja il-fond numru 26, Flat 3, Marina Street, Pieta' flimkien mal-mobbli kollha li bihom huwa armat lill-konvenuta, u dan bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan qed isir ukoll sabiex jaghmel tajjeb ghall-kont bankarju ma' l-APS Bank Limited li gie zbankat mill-attur fl-ammont ta' tliet elef lira Maltin (Lm3,000), liema ammont intuza minnu. L-attur huwa tenut u ordnat li jhallas lill-konvenuta l-kont tad-dawl indikat fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha fl-ammont ta' hamsin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm50.68).

Illi l-kont kurrenti ma' HSBC Bank plc numru 3321622969 – llum numru 033 – 049180-001 li fit-22 ta' Marzu 2004

kellu bilanc ta’ mija, sebgha u ghoxrin lira Maltin u tliet centezmi (Lm127.03), il-kont l-iehor bin-numru 033 – 049180 – 050 li fl-istess data kellu bilanc ta’ wiehed u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm51.70), u l-*joint account* numru 033 – 058322 – 100 li l-bilanc fid-9 ta’ Gunju 2003 kien jammonta ghal tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) ghandhom jinqasmu bejn iz-zewg partijiet. Mill-banda l-ohra l-kont bankarju fl-HSBC Bank plc. Numru 033058322 f’isem il-minuri Shawn ghandu jigi amminstrat minn ommu f’isem l-istess minuri.

Mill-bqija kull parti ghandha zzomm l-effetti l-ohra kollha li attwalment jinsabu llum fil-pussess taghha.

Illi fl-ahharnett tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

7. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

8. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-istess attur rikonvenzjonat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------